

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.10.2009  
SEG(2009) 1390 finali

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Dokument anċillari għall-**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**dwar Qafas tal-UE għall-Immaniġġjar Transkonfinali tal-Kriżijiet fis-Settur Bankarju**

**SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

{KUMM(2009) 561 finali}  
{SEG(2009) 1389}  
{SEG(2009) 1407}

## 1. X'INHI L-PROBLEMA, LIL MIN TAFFETTWA L-IKTAR U GĦALIEX HUWA NEĊESSARJU INTERVENT PUBBLIKU?

Matul din il-kriżi finanzjarja, il-kapaċità tal-awtoritajiet li jimmaniġjaw il-kriżijiet kemm domestiċi kif ukoll f'sitwazzjonijiet transkonfinali ġiet ippruvata sew. Is-swieq finanzjarji fl-UE tant saru integrati li l-effetti, ta' problemi li jseħħu fi Stat Membru wieħed, fuq l-istituzzjonijiet tal-kreditu ma jkunx dejjem jistgħu jiġu kkontenuti u iżolati u xokkijiet domestiċi malajr jistgħu jiġu trażmessi lil kumpaniji u swieq fi Stati Membri oħra.

Filwaqt li l-operat tal-banek transkonfinali sar integrat ħafna, (bir-riżultat li l-linji tan-negożju u s-servizzi interni huma interkonnessi sew u ma jistgħux jiġu sseparati b'mod effiċjenti skont il-fruntieri ġeografiċi tal-Istati Membri), l-immaniġġjar tal-kriżijiet tal-banek baqa' nazzjonali. B'konsegwenza, fil-każ ta' falliment ta' bank transkonfinali, is-superviżuri finanzjarji u awtoritajiet oħra (ta' risoluzzjoni) jikkonċentraw biss fuq l-operazzjonijiet li jinsabu fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan jista' jikkomplika l-kooperazzjoni transkonfinali u jwassal għal approċċi ineffiċjenti u possibbilment f'approċċi kuntrarji għar-risoluzzjoni kif ukoll għal riżultati anqas minn ottimali fil-livell tal-UE.

Waħda mill-aktar kwistjonijiet importanti marbuta mal-azzjonijiet sabiex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja hija l-kapaċità tal-awtoritajiet li jipprevjenu (**intervent bikri**<sup>1</sup>) jew li jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet ta' kriżi (**risoluzzjoni**<sup>2</sup>) fil-banek. L-involvement tal-awtoritajiet jista' jkun kruċjali biex tinżamm l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja sħiħa, għall-protezzjoni tad-depożiti tan-nies u l-kumpaniji u biex tinżamm il-kontinwità tas-sistemi tal-ħlas u servizzi finanzjarji bażiċi oħra.

Minkejja li għadd ta' superviżuri Ewropej għandhom għodod disponibbli biex jintervjenu fi kriżi bankarja, l-għodod li jeżistu fl-Istati Membri jistgħu jkunu differenti, jew f'xi każijiet lanqas biss jeżistu. Dawn id-differenzi u d-diskrepanzi, fosthom id-differenzi leġiżlattivi bejn l-Istati Membri u/jew in-nuqqas ta' bażi leġiżlattiva/istituzzjonali f'xi pajjiżi, għandhom il-potenzjal li jikkumplikaw jekk mhux jostakolaw l-immaniġġjar transkonfinali effiċjenti ta' kriżi bankarja. Jekk awtoritajiet differenti jintervjenu fi żminijiet differenti, ifittxu għanijiet differenti u jużaw għodod u miżuri differenti b'kriterji differenti u jikkundizzjonaw l-applikazzjoni tagħhom skont kif jifhmu l-problema huma, ir-riżultati x'aktarx li jkunu anqas minn ottimali.

Ma hemmx leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE li tirregola r-risoluzzjoni bankarja. Minn barra l-introduzzjoni ta' sett minimu ta' setgħat għall-awtoritajiet superviżorji bil-għan li titreġġa' lura sitwazzjoni f'bank<sup>3</sup>, flimkien ma' xi tibdil reċenti fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital

---

<sup>1</sup> Intervent bikri: kwalunkwe azzjoni ta' rimedju mis-superviżuri bankarji (eż. il-ġenerazzjoni tal-kapital privat, modifiki tal-linji tan-negożju, ċessjoni tal-assi) bil-għan li jiġu kkoreġuti l-irregolaritajiet fil-banek u b'hekk jgħinu lill-banek jirritornaw lura lejn l-iżvolġiment ordinarju tan-negożju u jiġi evitat li l-banek jaslu sal-istadju ta' risoluzzjoni.

<sup>2</sup> Risoluzzjoni bankarja: ir-riorganizzazzjoni tal-banek f'diffikultà (bi proċess amministrattiv jew ġudizzjarji) bil-għan li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, il-kontinwità tas-servizzi bankarji u r-rivitalizzazzjoni tal-banek. Barra t-tekniki tradizzjonali tar-riorganizzazzjoni, fir-risoluzzjoni tal-banek jintużaw għodod speċifiċi (eż. banek likwidaturi (bridge banks), fużjonijiet sfurzati, akkwiżizzjonijiet assistiti, bejgħ parzjali ta' assi) sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' hawn fuq. Il-proċess huwa mmaniġġjat minn awtorità ta' risoluzzjoni, li tista' tkun differenti fl-Istati Membri (banek nazzjonali, superviżuri finanzjarji, skema ta' garanzija ta' depożiti, ministeru tal-finanzi, awtorità speċjali).

<sup>3</sup> Fl-Artikolu 136 tad-Direttiva 2006/48/KE dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital [traduzzjoni mhux uffiċjali].

(regoli dwar it-twissija lill-awtoritajiet l-oħra f'sitwazzjoni ta' emerġenza, koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' superviżjoni u skambju ta' informazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza) u tistabbilixxi arranġamenti għall-istralċ u r-riorganizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu b'fergħat fi Stati Membri oħra, l-ebda qafas tal-UE ma jeżisti li jstabbilixxi kif u taħt liema kundizzjonijiet l-awtoritajiet għandhom jaġxxu f'każ ta' kriżi li tinħoloq minn bank transkonfinali. L-immaniġġjar tal-kriżijiet huwa rregolat kważi kollu kemm hu mil-liġijiet nazzjonali.

L-approċċi u l-għodod differenti, u l-interessi konfliġġenti bejn l-awtoritajiet x'aktarx li twassal għal ineffiċjenza fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-kriżijiet u trendi riżultati anqas minn ottimali fil-livell tal-UE. Dan imbagħad jista' jipproduċi spiża oġġla fuq iċ-ċittadini tal-UE u fuq dawk li jħallsu t-taxxi, peress li s-salvataġġ ta' banek transkonfinali ta' importanza sistematika jista' jkun estremament għoli meta mqabbel mal-kost ta' risoluzzjoni f'waqtha u effettiva<sup>4</sup>. Skont l-aħħar stimi tal-FMI<sup>5</sup>, it-tnaqqis tal-valur tal-assi madwar id-dinja kollha u li hu marbut mal-kriżi ser jilħaq \$ 4.1 triljun sal-2010, bl-industrija bankarja dinjija mistennija li ġġarrab xi żewġ terzi tat-telf kollu, li nofshom (jew \$1.4 triljun, ekwivalenti għal-9 % tal-PGD tal-UE) issa huwa attribwibbli għall-Banek Ewropej.

Minħabba l-firxa wiesgħa tal-impatt tagħhom fuq is-settur finanzjarju u l-ekonomija kollha, kriżi f'bank internazzjonali kbir taffettwa firxa wiesgħa ħafna ta' partijiet interessati madwar l-UE kollha, jiġifieri:

- L-istituzzjonijiet finanzjarji li għaddejjin minn diffikultajiet, inkluż l-azzjonisti u l-impjegati tagħhom;
- L-istituzzjonijiet finanzjarjament b'saħħithom li jiddependu fuq l-istabbiltà finanzjarja;
- L-utenti tas-servizzi finanzjarji, inklużi d-depożitarji, l-investituri, il-pensjonanti, u l-kumpaniji mhux finanzjarji; l-SMEs;
- L-awtoritajiet pubbliċi, inklużi s-superviżuri, il-banek ċentrali u l-ministeri tal-finanzi;
- Kontribwenti.

Il-Komunikazzjoni dwar "Qafas ta' Risoluzzjoni Bankarja għall-UE", li din il-valutazzjoni tal-impatt qiegħda takkumpanja, toffri deskrizzjoni fil-qosor tal-problemi, l-oqsma li qed jiġu eżaminati b'rabta ma' miżuri ta' intervent bikri u r-risoluzzjoni bankarja. Tipproponi miri ta' politika u approċċ ġenerali. Ma tipproponix soluzzjoni politika speċifika u dettaljata f'dan l-istadju. Konsegwentament, il-valutazzjoni tal-impatt tiffoka primarjament fuq id-definizzjoni tal-problema u l-miri, u l-bżonn tagħhom, għal azzjoni fil-livell tal-UE f'dan il-qasam. Fid-dawl tan-natura konsultattiva tal-Komunikazzjoni, l-alternattivi politiċi jitqiesu biss fl-aktar termini wiesgħa. Kwalunkwe proposta politika sussegwenti li tfeġġ b'riżultat ta' din il-konsultazzjoni ser tgħaddi minn valutazzjoni ulterjuri u aktar bir-reqqa fl-istadju xieraq.

---

<sup>4</sup> Arranġamenti transkonfinali effikaċi għandhom jiżguraw riżultat li jkun ottimali fil-livell tal-UE filwaqt li jqisu l-interessi tal-partijiet interessati fl-Istati Membri kollha, u għalhekk jimminimizzaw il-kost totali.

<sup>5</sup> IMF, Responding to the Financial Crisis and Measuring Systemic Risk (Global Financial Stability Report), April 2009

## 2. AZZZJONI TAL-UE HIJA ĠĠUSTIFIKATA ABBAŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ?

Azzjoni fil-livell Ewropew f'dan il-qasam hija meħtieġa fid-dawl tal-livell għoli ta' integrazzjoni tas-suq bankarju fi ħdan l-UE. Is-sistemi biex jiġu indirizzati l-kriżijiet fil-banek għadhom fuq bażi nazzjonali u mhumiex adattati biex jindirizzaw sitwazzjonijiet transkonfinali. Il-koordinazzjoni f'dawn iċ-ċirkustanzi x'aktarx li tkun ikkumplikata u l-miri li jpoġġu l-awtoritajiet jistgħu jkunu differenti. Bħala konsegwenza, il-qafas legali ma jistgħax jiżgura li problemi kritiċi li jinqalgħu f'xi grupp bankarju transkonfinali jiġu solvuti b'mod ġust, effikaċi u bla telf ta' żmien permezz ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni robusti.

Qafas ġdid bl-introduzzjoni tal-inċentivi meħtieġa biex tiġi stimolata l-kooperazzjoni transkonfinali huwa sostnut permezz ta' kompitu li jista' jsir bl-aktar mod effiċjenti fil-livell Ewropew (dan huwa partikolarment minnu fir-rigward tal-indirizzar tad-differenzi bejn ir-risoluzzjoni nazzjonali u l-oqfsa ta' insolvenza kif ukoll l-arranġamenti dwar il-kondiviżjoni tal-piżijiet).

## 3. GĦANIJET

Mill-perspettiva tal-UE, l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni fil-livell tal-UE jistgħu jkunu li:

- Tinżamm l-istabbiltà finanzjarja u l-kunfidenza fil-banek, jiġi evitat il-kontaġġu tal-problemi;
- Jiġi mminimizzat it-telf għas-soċjetà kollha u speċjalment għall-kontribwenti;
- Jissahħah is-suq intern għas-servizzi bankarji.

Fil-kuntest tal-intervent bikri, il-miri speċifiċi jistgħu jkunu li:

- Jiġu żviluppati għodod u skattaturi biex jiġu skoperti l-problemi fil-banek u jkun hemm intervent fi stadju bikri
- Tiġi żgurata l-kooperazzjoni effiċjenti bejn is-superviżuri finanzjarji nazzjonali responsabbli għall-banek transkonfinali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Għar-risoluzzjoni bankarja, il-miri speċifiċi jistgħu jkunu li:

- Jiġu żviluppati għoddod u skattaturi biex tiġi żgurata r-riorganizzazzjoni u r-risoluzzjoni ta' banek transkonfinali b'manjera f'waqtha u robusta;
- Titjeb il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali ta' risoluzzjoni ħalli jippreżentaw l-aħjar soluzzjonijiet fil-livell UE;
- Tinħoloq iċ-ċertezza u l-previdibbiltà madwar ir-risoluzzjoni bankarja għall-partijiet interessati kollha;
- Tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi bankarji bażiċi matul risoluzzjoni

#### 4. ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

Għall-għanijiet ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, l-analiżi tal-alternattivi hija limitata għal valutazzjoni ġenerali dwar l-introduzzjoni ta' qafas ġdid u l-alternattivi. Għadd ta' oqsma li jistgħu jiġu indirizzati taħt qafas ġdid qed jitqiesu wkoll - iżda mingħajr ma tiġi ppreferuta jew proposta l-ebda miżura konkreta. Il-lista tal-alternattivi ta' politika mhijiex magħluqa u jekk ifeġġu alternattivi oħra b'riżultat tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati dawn jistgħu jiġu vvalutati fi stadju aktar tard meta l-Kummissjoni tagħmel il-proposti tagħha.

##### *Konsiderazzjonijiet Ġenerali dwar il-ħtieġa ta' qafas ġdid ta' risoluzzjoni bankarja*

Il-punt tat-tluq tal-Komunikazzjoni huwa li l-qafas tar-risoluzzjoni bankarja jeħtieġu jkun fil-livell tal-UE. Għandu jindirizza n-nuqqasijiet li ġew identifikati estenzivament fid-definizzjoni tal-problema, u għandu jitfassal b'mod li jissodisfa sett ta' miri maqbula b'mod komuni dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-banek f'diffikultà. Din l-alternattiva hija mqabbla ma' żewġ alternattivi oħra. L-ewwel waħda hija x-xenerju bażi, li jfisser li l-kooperazzjoni transkonfinali għar-risoluzzjoni bankarja tkun tiddependi fuq arranġamenti volontarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim tal-2008 (MtF) flimkien mar-regoli li għadhom kif ġew introdotti fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital li tistabbilixxi kulleġġi għall-gruppi bankarji transkonfinali, obbligu ġdid għall-iskambju tal-informazzjoni u dispożizzjoni dwar it-teħid konġunt tad-deċiżjonijiet. It-tieni alternattiva hija li jiċċekknu l-gruppi bankarji transkonfinali sabiex il-kriżijiet jiġu mmaniġġjati b'mod aktar effikaċi skont is-sistemi nazzjonali attwali. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-aħħar alternattiva huma vvalutati, b'attenzjoni partikolari għall-fatt li din l-alternattiva tkun teħtieġ bidla fit-Trattat u żżid il-kost tas-servizzi bankarji.

##### *Intervent bikri*

Qegħdin jitqiesu alternattivi marbuta ma' tliet oqsma politiċi wiesgħa: alternattivi li jindirizzaw id-differenzi ta' bejn kif jinbdeu l-azzjonijiet superviżorji, alternattivi biex jiġu indirizzati d-differenzi fl-għodod u alternattivi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' allinjament bejn ir-responsabbiltajiet nazzjonali u n-natura globali tal-kummerċ bankarju.

Fir-rigward ta' skattaturi tal-azzjonijiet superviżorji, qed jitqiesu żewġ alternattivi għax-xenarju bażi. Waħda tinvolvi l-armonizzazzjoni ta' sett ta' indikaturi għat-twissija bikrija u l-iżvilupp ta' qafas għall-valutazzjoni komuni bħala mezz biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni b'tali mod li tippermetti rispons konġunt iżda li żżomm grad suffiċjenti ta' flessibbiltà u diskrezzjoni. It-tieni tinvolvi l-iżvilupp ta' sett ta' skattaturi awtomatiċi u fissi li jiddeterminaw il-punt li fih tkun meħtieġa azzjoni superviżorja - sabiex jinholq qafas ċar (iżda bla diskrezzjoni) li fih jitwettqu l-azzjonijiet superviżorji koordinati.

Fir-rigward tad-differenzi bejn l-għodod tal-intervent bikri, lil hinn mill-kunsiderazzjoni tax-xenarju bażi tqiesu żewġ alternattivi. Waħda tkun tissupplimenta l-għodod elenkati fl-Artikolu 136 tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital b'għodod addizzjonali li attwalment mhumiex disponibbli fl-Istati Membri kollha - bħal mhuma s-setgħat li tintalab is-sottomissjoni ta' pjan ta' restorazzjoni, jiċċekknu l-pjanijiet bħala prekawzjoni kontra l-possibbiltà ta' falliment ta' grupp bankarju jew jissaħħu s-setgħat fuq il-maniġment bankarju. L-alternattiva meqjusa hija li jiġi miftiehem sett waħdieni ta' għodod ta' intervent bikri armonizzati bis-sħiħ. It-tieni alternattiva għandha l-vantaġġ li tali approċċ jelimina d-differenzi bejn l-awtoritajiet, iżda l-iżvantaġġ li jista' jkun diffiċli ħafna biex tiġi implimentata minħabba d-differenzi ġenerali bejn is-sistemi superviżorji u legali.

Fir-rigward tan-nuqqas ta' allinjament bejn ir-responsabbiltajiet nazzjonali u n-natura globali tal-kummerċ bankarju, ix-xenarju bażi jkun jinvolvi dependenza fuq il-MtF tal-2008, għalkemm it-tibdiliet pjanati fl-istruttura superviżorja għandhom jgħallu rwol aktar attiv għall-Awtorità Bankarja Ewropea li dalwaqt tiġi kkreata. Alternattiva oħra tista' tkun li jkompli jinbena fuq it-tibdiliet reċenti, iżda li jiġu żviluppati wkoll regoli li jkunu jeħtieġu lis-superviżuri jieħdu deċiżjonijiet konġunti abbażi ta' valutazzjoni komuni u pjan komuni ta' restorazzjoni sottomess mill-kumpanija prinċipali għall-grupp kollu.

### *Risoluzzjoni bankarja*

Qegħdin jitqiesu alternattivi biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati fil-ħames oqsma politiċi wiesgħa li ġejjin: l-għodod u l-iskattaturi tar-risoluzzjoni bankarja, in-nuqqas ta' allinjament bejn ir-responsabbiltajiet nazzjonali u n-natura globali tal-kummerċ bankarju, l-ostakoli usa' (il-liġi tal-kumpaniji, tal-insolvenza) fir-risoluzzjoni bankarja, il-finanzjament tar-risoluzzjoni transkonfinali u l-kontinwità tas-servizzi bankarji.

Fir-rigward tal-għodod u l-iskattaturi tar-risoluzzjoni bankarja, qiegħed jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' sett minimu ta' għodod (setgħat biex titwettaq akwiżizzjoni minn xerrej mis-settur privat, biex jiġu ttrasferiti assi u obbligazzjonijiet għand bank likwidatur jew għand bank tajjeb/bank ħażin, bejgħ assistit ta' parti min-negozju lil xerrej mis-settur privat, jew nazzjonalizzazzjoni) imfassal sabiex jippermetti intervent ħafif u effikaċi minn awtoritajiet superviżorji. Dawn l-għodod jew jissupplimentaw għodod nazzjonali eżistenti (li tkun azzjoni eħfef biex titwettaq imma li tħalli differenzi/diskerpanzi bejn l-għodod nazzjonali fis-seħħ), jew inkella jista' jiġi żviluppata sett ta' għodod komuni għall-awtoritajiet nazzjonali kollha u jintuża taħt l-istess kundizzjonijiet (li jfisser li jkunu meħtieġa tibdiliet estenzivi fil-liġijiet nazzjonali tar-risoluzzjoni).

Fir-rigward tan-nuqqas ta' allinjament bejn ir-responsabbiltajiet nazzjonali u n-natura globali tal-kummerċ bankarju, qiegħed jitqies l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tar-risoluzzjoni (abbażi ta' sett ta' obbligi legalment vinkolanti), kif ukoll bejn l-awtoritajiet ġuridiċi (qrati u kuraturi tal-insolvenza). Dan jista' jinvolvi qafas ta' koordinament għall-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni (sostnut minn regoli ġodda tal-UE), jew (aktar ambizzjożament) koordinament aktar dirett tal-proċedimenti marbuta ma' entitajiet ta' gruppi minn amministratur mexxej jew likwidatur. Qiegħda wkoll titqies il-possibbiltà u l-isfidi li jingħata rwol lil xi entità tal-UE (possibbilment l-Awtorità Bankarja Ewropea l-ġdida) fir-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet transkonfinali.

Fir-rigward tal-alternattivi biex jiġu indirizzati l-ostakoli usa', qiegħed jitqies jekk il-liġi tal-kumpaniji jehtieġilhiex tiġi emendata sabiex tippermetti lill-awtoritajiet tar-risoluzzjoni jieħdu preċedenza fuq ċerti drittijiet tal-azzjonisti (iżda għandu jkun hemm kumpens xieraq u mekkaniżmu ta' rimedju), kif ukoll jekk il-liġijiet tal-insolvenza jistgħux jiġu emendati wkoll ħalli jippermettu r-risoluzzjoni ta' bank f'diffikultà skont proċedura speċjali, jew biex ikunu jistgħu jindirizzaw ir-risoluzzjoni tal-grupp sħiħ. Qiegħed jitqies ukoll jekk hijiex meħtieġa sistema ta' insolvenza separata u awtonoma għall-gruppi bankarji transkonfinali, li tiegħu post is-sistemi nazzjonali ħalli tkun tista' ssir riorganizzazzjoni integrata jew l-istralċ ta' grupp transkonfinali. Dan l-approċċ jippreżenta sfidi konsiderevoli wkoll.

Fir-rigward tal-alternattivi biex jiġi sostnut il-finanzjament tar-risoluzzjonijiet transkonfinali, qegħdin jitqiesu għadd ta' alternattivi possibbli u li ma jeskludux lil xulxin, fosthom għajjnuna għal soluzzjonijiet ta' finanzjament mis-settur privat permezz ta' aġġustamenti fil-liġi tal-kumpaniji u l-insolvenza, l-introduzzjoni ta' qafas li jiffaċilita t-trasferibbiltà tal-assi fi ħdan l-

istess grupp wara l-bidu ta' proċedura ta' insolvenza, l-esplorazzjoni tal-fattibbiltà li l-DĠ jintużaw lil hinn mill-funzjoni tradizzjonali tagħhom ta' kaxxa tal-flus u l-iżvilupp ta' arranġamenti għall-finanzjar pubbliku permezz ta' ftehim ċar tal-kondiviżjoni tal-piżijiet.

Finalment, fir-rigward tal-politiki ta' sostenn għall-kontinwità tas-servizzi bankarji, qegħdin jitqiesu miżuri possibbli ħalli tkun meġhuna l-applikazzjoni ta' ċerti għodod ta' risoluzzjoni. Dawn jinkludu modifiki fil-liġi tal-kumpaniji u l-insolvenza ħalli jiġi żgurat l-għoti kontinwu ta' għajjnuna lis-servizzi f'każ li bank jiġi maqsum (b'riżultat ta' risoluzzjoni li tinvolvi bank likwidatur jew bejgħ parzjali tal-assi); restrizzjoni tad-drittijiet tat-terminazzjoni għal perjodu qasir ħalli l-awtorità ta' risoluzzjoni jkollha ż-żmien tittrasferixxi partijiet min-negozju lil entità oħra (bħal mhu bank likwidatur) u impożizzjoni koordinata ta' moratorju fuq grupp bankarju kollu kemm hu.

Din il-valutazzjoni tal-impatt issostni Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li hija ta' natura konsultattiva u miftuħa fir-rigward tal-alternattivi possibbli li jistgħu jiġi segwiti. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tippreżenta proposti konkreti ta' politika ser tkun meħtieġa valutazzjoni aktar fil-fond.